

32005R1042

L 172/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

5.7.2005

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1042/2005****tad-29 ta' Ġunju 2005****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2869/95 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju ta' l-armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Tredmarks u Disinni)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-tredmark tal-Komunità <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 139 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 40/94, kif implimentat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 tat-13 ta' Diċembru 1995 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-tredmark tal-Komunità <sup>(2)</sup>, id-drittijiet addizzjonali dwar rapporti ta' riċerka, diviżjoni ta' applikazzjoni jew reġistrazzjoni ta' tredmark u l-kontinwazzjoni ta' proċeduri għandhom ikunu stabbiliti. L-ammonti ta' dawn id-drittijiet il-ġodda għandhom ikunu fissi.
- (2) Is-sistema ta' riċerka ssir mhux obligatorja mill-10 ta' Marzu 2008 kif previst fl-Artikolu 2 paragrafu 2 tar-Regolament (KE) Nru 422/2004. Minn dik id-data, id-dritt addizzjonali għar-rapporti ta' riċerka nazzjonali għandhom japplikaw.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 <sup>(3)</sup> għandu għalhekk jiġi emendat b'dan il-mod.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Drittijiet, Regoli ta' Implimentazzjoni u l-Proċedura tal-Bordijiet ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju ta' l-armonizzazzjoni tas-Suq Intern (tredmarks u disinni),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Regolament (KE) Nru 2869/95 huwa emendat kif ġej:

- (1) It-tabella f'Artikolu 2 hija emendata kif ġej:
  - (a) Jiżdied il-punt 1a li ġej.

<p>"1a. Dritt ta' riċerka</p> <p>(a) għall-applikazzjoni ta' tredmark tal-Komunità (Artikolu 39(2), Regola 4(C))</p> <p>(b) għar-reġistrazzjoni internazzjonali li taħtar il-Komunità Ewropea (Artikoli 39(2) u 150(2), Regola 10(2))</p>	<p>L-ammont ta' 12-il euro immultiplikata bin-numru ta' uffiċċji ta' proprjetà industrijali ċentrali msemmija f'paragrafu 2 ta' l-Artikolu 39 tar-Regolament; dak l-ammont, u t-tibdil sussegwenti, għandhom jiġu ppubblikati mill-President ta' l-Uffiċċju fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Uffiċċju."</p>
---	---

- (b) Punt 6 jiġi mneħħi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 11, ta' l-14.1.1994, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 422/2004 (ĠU L 70, tad-9.3.2004, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 303, tal-15.12.1995, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 782/2004 (ĠU L 123, tas-27.4.2004, p. 88).

<sup>(3)</sup> ĠU L 303, tal-15.12.1995, p. 33. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 781/2004 (ĠU L 123, tas-27.4.2004, p. 85).

- (c) F'punt 13 il-kliem "Dritt għal kull klassi ta' prodotti u servizzi li jaqbżu t-tlieta għal kull marka individwali" jiġu mibdula bi "Dritt tat-tiġdid ta' kull klassi ta' prodotti u servizzi li jaqbżu t-tlieta għal kull marka individwali";
- (d) F'punt 15 il-kliem "Id-dritt għal kull klassi ta' prodotti u servizzi li jaqbżu t-tlieta għal marka kollettiva" jiġu mibdula bi "Dritt għat-tiġdid ta' kull klassi ta' prodotti u servizzi li jaqbżu t-tlieta għal kull marka kollettiva";
- (e) F'punt 19 il-kliem "Dritt għall-għoti lura in integrum" huma mibdula bi "Dritt għall-applikazzjoni għall-għoti lura in integrum";
- (f) F'punt 20 il-kliem "Dritt għall-konverżjoni" jiġi mibdula bi "Dritt għall-applikazzjoni għall-koverżjoni";
- (g) Punti 21 u 22 jiġu mibdula b'dan li ġej:

"21. Dritt għall-kontinwazzjoni tal-proċeduri (Artikolu 78a (1))	400
22. Dritt għad-dikjarazzjoni tad-diviżjoni ta' trejdmak tal-Komunità rreġistrata (Artikolu 48a (4)) jew applikazzjoni għal trejdmak tal-Komunità (Artikolu 44a (4)):	250"

- (h) F'punt 23 il-frażi ta' introduzzjoni tiġi mibdula b'dan li ġej: "Id-dritt għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' liċenzja jew dritt ieħor f'dak li jirrigwarda trejdmak rreġistrata tal-Komunità (punt 5 ta' l-Artikolu 157(2), Regola 33(1)) jew applikazzjoni għal-trejdmak tal-Komunità (punt 6 ta' l-Artikolu 157(2), Regola 33(4)):"
- (i) F'punt 29, il-linja li ġejja tiġi mneħħija.

"u kull paġna, li taqbeż l-10	1"
-------------------------------	----

- (2) Fl-artikolu 13, il-paragrafu 3 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Ir-rifużjoni għandha ssir kemm il-darba l-Komunikazzjoni lill-Bureau Internazzjonali skond ir-Regola 113(2) (b) u (c) jew Regola 115 (5) (b), (c) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 tkun ħarġet".

#### Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 wara li jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*
2. Punt(a) ta' l-Artikolu 1(1) għandu japplika mill-10 ta' Marzu 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar id-29 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni  
Charlie McCREEVY  
Membru tal-Kummissjoni